# Id-Dejma tas-Siġġiewi Fiż-Żminijiet tan-Nofs*



*Kitba ta' Carmel Vella*

**Sfortunatament, ftit li xejn għandna tagħrif bil-miktub dwar dak li seħħ fil-gżejjer Maltin matul il-firxa ta' sekli qabel il-miġja f'Malta ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan in-nuqqas ta' tagħrif jinħass ukoll f'rigward dak il-perjodu magħruf bħala ż-Żminijiet tan-Nofs jew Medju Evu li jkopri, bejn wieħed u ieħor, il-ftit aktar minn tliet sekli bejn l-1200 u 1530W.K, is-sena meta bdiet il-ħakma ta' l-Ordni.**

## *L'Università* ta' l-Imdina

Il-ftit li nafu fuq iż-Żminijiet tan-Nofs insibuh f'dokumenti antiki u mhux tant dettaljati ta' dik li kienet *L'Università* ta' l-Imdina. B'xorti tajba, ħafna minn dak it-tagħrif oskur twassal lilna bil-ħila ta' storiċi moderni, ewlieni fosthom il-ħabrieki Professur Godfrey Wettinger li ddedika ħajtu jqalleb f'ħafna arkivji kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Grazzi lilu, u lil xi oħrajn li mxew fuq il-passi tiegħu, illum għandna għadd ġmielu ta' kotba li jittrattaw fuq aspetti diversi tal-Medju Evu Malti.

*L'Università* ta' l-Imdina kienet dik l-istituzzjoni, speċi ta' gvern lokali, li kienet fdata bl-amministrazzjoni ta' Malta f'isem is-slaten barranin li kienu jaħkmu fuqna. Wara s-sena 1429, meta missirijietna b'sagrifiċċji kbar u bil-ftit flus li ġabru, kienu fdew 'il-gżira minn taħt il-madmad ta' Don Gonsalvo Monroy, is-Sultan Alfonso ta' Spanja u Sqallija kkonċeda lill-Maltin ftit privileġġi liberali għat-tmexxija ta' dawn il-gżejjer permezz ta' Kunsill Popolari, taħt *L'Università* li kienet diġà teżisti. Il-Kunsill kien magħmul mill-Kaptan tal-Virga, li kien magħruf bħala l-Hakem, tliet uffiċjali għoljin u erba' ġurati. Dawn kienu jiġu eletti kull sena minn nies professjonali u mill-kapijiet tal-familji. Il-Kunsill kien responsabbli għall-ġustizzja, għaż-żamma ta' l-ordni, għad-difiża u għall-ħarsien tal-kosta, għax f'dak iż-żmien Malta u Għawdex kienu spiss priża ta' furbani Misilmin li kienu jinfestaw il-baħar kollu ta' qribna.

## Id-Dejma

Biex jilqgħu għall-attakki ta' dawk il-ħallelin tal-baħar, kien twaqqaf bħal korp territorjali biex jgħasses il-bajjiet u x-xtut. Kien jissejjaħ id-Dejma, kelma li ħierġa minn ***dejjem***, għax kien maħsub li dan is-servizz ta' għassa jkun għal-lest kull ħin li jkun meħtieġ. Minħabba nuqqas ta' mezzi adekwati dan il-korp primittiv, ta' xeħta militari, kien dgħajjef għal kollox u bla ebda effett siewi. Fi tmiem is-seklu XIV, taħt ir-Reġina Marija u żewġha Martin, kien sar sforz biex id-Dejma tkun organizzata aħjar, iżda xorta ma sarx progress kontra d-dħul bla tfixkil u l-attakki qerrieda mill-furbani.

* Din il-kitba hija msejsa fuq tagħrif relattiv mill-ktieb *"Siġġiewi - A Profile of History, Social Life and Traditions"* ta' l-istess awtur, li ma jdumx ma jkun ippubblikat.

## Twaqqif ta' *Milizia* bil-Lieva

Kien biss wara li s-Sultan Alfonso waqqaf il-Kunsill Popolari li dan il-Korp ta' Għassiesa ngħata xeħta aktar effiċjenti, billi issa d-Dejma saret Milizja Regolari taħt kundizzjonijiet ta' lieva. Ġew stabbiliti disa' kumpaniji militari fejn kull waħda minnhom kellha bejn sitt mija u tmien mitt ruħ. L-irġiel adulti kollha ta' bejn is-16 u l-65 sena kienu obbligati jservu f'wieħed minn dan il-units tal-Milizja. Kull belt jew raħal kellu numru ta' rekluti.

Il-*Bandu* (proklama) li bih daħlet fis-seħħ din il-lieva kien jesiġi li kull raġel ta' bejn is-16 u l-65 sena għandu jkun ipprovdut bl-armi meħtieġa għas-servizz ta' l-għassa. Il-kapijiet ta' familji jridu jżommu armi tan-nar dejjem nodfa u lesti għall-użu, porvli, balal u miċeċ, kif ukoll sjuf, vleġeġ u żbandoli, għalihom stess u għal uliedhom maskili, biex ikunu lesti għas-sejħa jew, kif kienet magħrufa, in-*nafra*. Membri tan-Nobiltà u nies tat-tajjeb kienu fid-dmir li jkollhom xabla u jżommu żiemel imħarreġ għat-taqbid jew bċejjeċ tal-baħar mgħammra bil-baħrin għal-lest. Multa ta' skud kienet imposta fuq min jinqabad nieqes minn dawk l-armi jew ma jkunx ippreparat sewwa. Iż-żwiemel riedu jkunu bin-nagħal u ma jittiħdux għax-xogħol - dan, taħt piena ta' uqija kull darba li sid il-bhima jikkommetti tali nuqqas.[1]

Ma' l-ewwel sparar tal-murtal tan-nafra, li kien is-sinjal ta' l-allarm, l-imseħbin kollha tad-Dejma kellhom fil-pront ilestu ż-żwiemel u jaqbdu l-armi. Mat-tieni sinjal kellhom joħorġu minn darhom u, mat-tielet murtal riedu jirrappurtaw fil-post tal-ġabra skond id-drawwiet antiki.

Id-Dejma tas-Siġġiewi, bħal dawk ta' bnadi oħra, kellha ssegwi dawk l-ordnijiet u tagħmel għassa regolari fil-postijiet assenjati lilha. Dawk li f'xi ħin ma jkunx imisshom xogħol riedu jkunu lesti bl-armi lejl u nhar u jiġru fuq xogħolhom hekk kif ikun magħruf li l-għadu tfaċċa fuq il-baħar.

L-għoljiet l-aktar prominenti kif ukoll il-ftit torrijiet ta' qrib il-kosta kienu kollha mgħammra bin-nies biex jilqgħu għal kull sbark tal-furbani. Kien meħtieġ, li hekk kif minn xi torri jintlemaħ xi ħjiel ta' ħbit mill-għadu, jinxtegħlu ħġejjeġ biex bil-lejl jidher in-nar bħala sinjal u mal-jum jidher id-duħħan. L-ewwel torri li jara s-sinjal ried jgħaddih minnufih bl-istess mod lil ta' qribu u b'hekk id-Dejma joħorġu għan-nafra biex jissieltu u jagħmlu ħilithom biex iżommu lura lil dawk li jirnexxilhom jinżlu l-art.



*Id-Dejma tas-Siġġiewi 1419/20*
*Facsimile mill-Arkivju tal-Katidral, Mdina*

## Id-Dejma tas-Siġġiewi

Mill-ftit dokumenti li jeżistu għandna bil-miktub l-ismijiet ta' dawk l-irġiel u żgħażagħ ingaġġati fil-

Milizja fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta. Mil-Lista tal-Milizja ta' l-1419/20, li rnexxielu jsib u jxandar il-Professur Wettinger, nafu li s-Siġġiewi kellu korp ta' 81 membru tad-Dejma. L-irħula żgħar dipendenti tiegħu kellhom ukoll ir-rekluti tagħhom: Ħal Xluq kellu 18, Ħal Kdieri 13 u Ħal Tabuni 11 - b'kollox 146 rekluta mis-Siġġiewi u l-inħawi tiegħu.

Jixraq li hawn taħt insemmi xi ismijiet ta' Siġġiwin minn din il-lista. Minħabba nuqqas ta' spazju ser nagħti biss dawk imniżżla fl-ewwel faċċata tal-manuskritt, kif traskritti mill-Professur Wettinger:[2]

**Casali Sigeui**

*fol.27*

| | |
|---|---|
| Ansaldinu Butigegi | Marcu Faruge |
| Randinu Tabuni | Beneditti Azupard |
| Andrea Butigegi | Gilju Azupardu |
| Laurenzu Gaudixi | Luca Xintil |
| Johanni Xara | Gilju Cunti |
| Paulu Bugeja | Gullielmu Stafaragi |
| Gaddu Garuf | Luppu Gristi |
| Gullielmu Battaye | Chiccu Bugeja |
| Marcu Casar | Natu Azupardu |
| Pascualinu Bugeja | Masi Cakie |
| Muni Xara | Brancatu Haiculina |
| Culaita Bugeja | Luppu Xara |

Wieħed jintebaħ li għalkemm għaddew kważi sitt mitt sena, l-ismijiet u l-kunjom ta' dawk l-antenati tagħna jixbhu sew lil dawk li għadhom magħna sa llum bħal: Schembri, Zerafa, Mamo, Vella, Buttigieg, Bugeja, Azzopardi u oħrajn - għalkemm x'uħud ivarjaw ftit billi kienu miktuba bl-istil Sqalli ta' dak iż-żmien.

## Dmirijiet

In-nies tad-Dejma kienu fid-dmir jagħmlu l-għassa f'kull lejl, skond min imissu, fl-Imdina u f'24 post madwar ix-xtut tal-Gżira. Kull post kien ikollu tliet irġiel b'wieħed minnhom biż-żiemel. Kien miftiehem li r-rekluti jagħmlu l-għassa tagħhom f'lokalitajiet kemm jista' jkun qrib djarhom. Dawk tas-Siġġiewi u ta' l-inħawi tiegħu kienu mistennija jagħmlu l-għassa mas-swar ta' l-Imdina jew mal-kosta ta' Ħaġra s-Sewda ħdejn Torri Ħamrija qrib l-Imnajdra. Fl-1417/18, is-Siġġiewi u Ħal Kdieri (raħal ċkejken ħdejn San Blas fit-triq tar-Rabat) kienu jibagħtu 12 u 9 rġiel rispettivament għall-għassa ta' l-Imdina. Għal Ħaġra s-Sewda kienu jmorru 10 mis-Siġġiewi, 8 minn Ħal Kbir u wieħed kull wieħed minn Ħal Xluq u Ħal Tabuni. Nafu li l-uffiċjal ewlieni ta' Ħaġra s-Sewda kien ċertu Johan Skembri (***hekk***) li kien joqgħod f'Ħal Kbir.

## Abitanti tas-Siġġiewi

Il-Lista tal-Milizja ta' l-1418/19 tagħti biss l-ismijiet ta' rġiel u żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-65 sena. Il-Professur Wettinger jassumi li kull rekluta kien iħalli warajh ħames persuni oħra - nisa, tfal u xjuħ, li jibqgħu jgħixu fir-raħal. B'hekk ġie stmat li fis-sena 1420 is-Siġġiewi kellu madwar erba' mitt (400) abitant u, jekk nieħdu wkoll l-irħula dipendenti li kienu jeżistu dak iż-żmien, l-abitanti kollha fil-limiti tas-Siġġiewi kienu jlaħħqu madwar 725 ruħ.

Is-Siġġiewi tal-Medju Evu kien raħal żgħir u minsi qalb l-għelieqi, bi ftit djar fqajrin kollha mgeddsa madwar il-Knisja ta' San Nikola, li kienet għadha dik li llum nafuha bħala l-Knisja l-Qadima. Ukoll Ħal Xluq u l-irħula żgħar l-oħra kienu mitlufa f'nofs ir-raba' bi ftit bdiewa jabitaw qrib il-knisja żgħira tagħhom.

## Għawġ u Tbatijiet

Żmien l-Ispanjoli fiż-Żminijiet tan-Nofs kienu mumenti iebsin ħafna għall-irġiel u żgħażagħ Siġġiwin tad-Dejma u aktar għan-nisa tagħhom, li ma kellhomx għażla oħra ħlief li jibqgħu f'darhom u jaraw kif imantnu lilhom infushom u lill-ulied żgħar tagħhom. In-nisa riedu jlaħħqu wkoll max-xogħol tar-raba' u mat-trobbija tal-bhejjem li kienu jirrendu l-ftit dħul għall-għajxien tal-familja. Dik il-kwalità ta' ħidma kienet soltu ssir minn żwiegħom u minn uliedhom kbar, li issa kellhom jitilqu kollox warajhom u jħallu djarhom biex ikunu fil-postijiet ta' l-għassa bil-perikli kollha li servizz bħal dan kien iġib miegħu għax, ta' min jgħid, mhux darba u tnejn li l-Misilmin irnexxielhom jidħlu sa l-ibgħad irkejjen tal-Gżira minkejja l-għassa kollha min-nies tad-Dejma.

Sar ħbit li baqa' jissemma fl-1412, fl-1422 u sena wara. Imma, forsi l-aktar attakk aħrax twettaq fl-1429 meta qawwa ta' 18-il elf ġellieda Misilmin waslu minn Tuneż matul il-lejl u żbarkaw ma' sbiħ il-jum. Xterdu f'ħafna naħat fin-nofsinhar ta' Malta. Il-qirda li wettqu fil-kampanja kienet orribbli, tant li x-xogħol tar-raba' sfaxxa fix-xejn u l-ekonomija tal-Gżira sfat meqruda għal kollox. Dik id-darba l-invażuri kienu laħqu l-inħawi tas-Siġġiewi fejn ħarqu u qerdu l-irziezet, il-bhejjem u d-djar ta' l-antenati tagħna. Għadd ta' rġiel, żgħażagħ u tfajliet inqabdu minn madwar Malta kollha u ngarru bħala lsiera lejn il-kosta ta' Barbarija. Wieħed jassumi li l-istess xorti messet lill-imsejknin qrabatna tas-Siġġiewi.

Kien forsi b'effett tal-gwaj li seħħ f'dik is-sena memorabbli ta' l-1429 li s-Sultan Alfonso ħaseb biex fis wara waqqaf id-Dejma fuq bażi aktar soda u ried li ssir għassa bil-galbu u bla waqfien kontra l-inżul tal-furbani. Bis-saħħa ta' hekk żdiedet xi ftit id-difiża tal-Gżira, imma batew aktar l-irġiel tagħna u nieshom bid-dħul tal-lieva.

Kienu żminijiet tal-waħx, taħt ħakkiema Araguniżi krudili, dawk is-snin tal-Medju Evu Malti. Tant kienu ħorox ma' niesna dawk il-kbarat Spanjoli, li kien hemm żmien lejn tmiem is-seklu erbatax li baqa' magħruf fl-istorja bħala *Żmien it-Tiranni.*

Nistgħu naħsbu f'liema kundizzjonijiet degradanti għexu niesna fis-Siġġiewi, raħal iżolat fil-kampanja bla ebda mezz siewi ta' ħarsien, mingħajr ebda sura ta' tagħlim u bl-ebda rimedju għall-mard u l-faqar imqit. Fis-sema biss, dawk li għexu dak iż-żmien, setgħu jsibu xi ftit tal-faraġ waqt il-ħajja miżerabbli tagħhom.

**Kemm għandna aħna niżżuħajr lill-Mulej li għoġbu jħares lil dan raħal twelidna matul is-sekli biex illum is-Siġġiewi waqaf fuq tiegħu u sar dak li hu - belt żgħira mogħnija b'wirt storiku u ġmiel naturali, bi djar moderni u oħrajn li jafu l-qedem u b'tempju maestuż u uniku fost l-imqades Maltin. Is-Siġġiewi llum huwa meqjus bħala post ideali għall-għajxien u mfittex għal dan il-għan minn inħawi oħra ta' Malta, kif ukoll minn barra x-xtut ta' gżirtina.**

**Referenzi:**

[1] Nat. Lib. AOM, MS 11 - *Bandi del Consiglio Popolare*

[2] G. Wettinger - *The Dejma List 1419/20* in Mel.Hist. V No.2 pp.97-106

Sorsi oħra: A.P. Vella - *Storja ta' Malta*

A.T. Luttrel - *Approaches to Medieval Malta (1975)*